**16 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

**Carmelo Scicluna ne.**

*versus*

**Avukat Dr. Edward Fenech Adami**

**Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 12 tal-Kap. 109. Lokazzjoni — Board tal-Kera — Penali — Kompetenza —**

*Jekk is-sid ta' fond mikri jieħdu lura b'sentenza tal-Board tal-Kera, u jiġi pruvat li kien hemm wiri ta' ħaġa b'oħra jew qerq, sid il-kera jkun obligat iħallas lill-kerrej li jkun ħalla l-fond, minflok id-danni, penali ta' mhux aktar minn £200, li tiġi stabbilita mill-Board.*

*Għaldaqstant, jekk il-kerrej li ħalla l-fond jitlob il-kundanna tas-sid biex iħallsu d-danni sofferti minnu għaliex ġie żgumbrat bis-saħħa ta' dik is-sentenza, u din kienet ġiet ottenuta bis-saħħa ta' dikjarazzjoni falza li għamel is-sid, il-Qorti ordinarja mh'x kompetenti tieħu konjizzjoni ta' dik it-talba; għax kif inhi proposta l-azzjoni hu applikabbli d-dispost tal-liġi tal-kera fuq imfisser.*

*U kieku stess it-talba tista' tiġi sostnuta fuq xi kawżali oħra, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha, għax mhix dedotta fiċ-ċitazzjoni, u l-kawżali ma tistax la tinbiddel u lanqas tiżdied.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenut, b'sentenza maqtugħa mill-Board li Jirregola l-Kera fiż-17 ta' Frar 1958, irriprenda pussess tal-fond nru. 7 Bay Street, St. Julian's għaliex allega li riedu għall-użu personali tiegħu; u peress li din id-dikjarazzjoni hija falza, kif jirriżulta mill-provi tal-kawża; u peress li minħabba dan l-iżgumbrament l-attur sofra danni kbar, għaliex sab ruħu mingħajr dar; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-istess attur nomine dik is-somma li tiġi likwidata minn dil-Qorti bħala

danni sofferti minnu mħabba l-aġir illegali tal-konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis*;

*Ikkunsidrat*;

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq li l-konvenut, bis-sentenza fuq riferita, reġa ħa l-fond lura mħabba li allega falsament li riedu għall-użu personali tiegħu, u effettivament waħda mill-kawżalijiet dedotti fir-rikors quddiem il-Board kienet li r-rikorrent kellu bżonn il-fond għall-użu tiegħu personali;

Illi, skond l-art. 10(b), il-Board jagħti l-permess biex is-sid jieħu lura l-pussess tal-fond, fost każi oħra, jekk huwa jkun irid il-fond (barra minn ħanut) għalieh innifsu; u fil-każ li huwa jieħdu lura, u jiġi pruvat li kien hemm "wiri ta' ħaġa b'oħra jew qerq, sid il-kera ikun obligat iħallas lill-kerrej li jkun ħalla l-fond, minflok id-danni, penali ta' mhux iżjed minn £200, li tiġi stabbilita mill-Board (art. 12);

Illi, kif tinsab proposta ċ-ċitazzjoni, għandu jiġi applikat l-art. 12, billi fih tinsab prospettata l-ipotesi li fuqha tinsab bażata l-kawża;

Illi ma jistax jingħad illi l-konvenut quddiem il-Board kien ottjena lura l-fond minħabba li l-attur kien ħallieh magħluq. u b'hekk għamel minnu użu divers minn dak li għalieh kien destinat, u li fuq daqshekk isir applikabbli l-art. 43 (Kap. 109); għaliex, fi kwalunkwe każ, din il-kawżali ma tinsabx dedotta fiċ-ċitazzjoni odjerna; u billi l-kawżali ma tistax, la titbiddel u lanqas tiżdied, il-*Qorti* ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha;

Għal dawn *il-motivi*;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut;

**U konsegwentement tiddikjara ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;**

**L-ispejjeż iħallashom l-attur.**